C/2026/4840

14.9.2026

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.12604 – PARTNERS GROUP / AVK)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2026/4840)

1. Fit-2 ta' Settembru 2026, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Partners Group AG (l-Iżvizzera), ikkontrollata minn Partners Group Holding AG (l-Iżvizzera),

— AVK Power Solutions Limited (ir-Renju Unit).

Partners Group AG se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. il-kontroll ta' AVK Power Solutions Limited kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

L-istess konċentrazzjoni diġà kienet ġiet innotifikata lill-Kummissjoni fis-17 ta' Awwissu 2026, iżda n-notifika ġiet sussegwentement irtirata fit-18 ta' Awwissu 2026.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— Partners Group AG – il-ġestjoni tal-investiment fl-ekwità privata, fl-infrastruttura privata, fid-dejn, fir-royalties u fil-proprjetà immobbli,

— AVK Power Solutions Limited – il-provvista, l-installazzjoni, l-ikkummissjonar u l-manutenzjoni tal-ġeneraturi u tagħmir anċillari ieħor relatat mal-enerġija elettrika għaċ-ċentri tad-data.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi [2] għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12604 — PARTNERS GROUP / AVK

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
[2] ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bl-email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË